# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# Imhallef

# Onor. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.

Appell Numru : 121/2002

Il-Pulizija

Vs

Augustine Agius

Illum il-Hamis 4 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Augustine Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) Fl-24 ta' Settembru, 2001 ghall-habta tas-6.50 p.m. waqt li kien fi Fleur De Lys B'Kara ghamel lil martu Joan Agius ngurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura fl-imsemmija triq b'manjiera perikoluza u negligenti.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju, 2002, li biha wara li rat l-Art. 15(1)(a) tal-Kap 65 illiberatu mill-ewwel akkuza ghax mhux sufficjentement ippruvata waqt li fuq it-tieni akkuza ikkundannatu ghal LM50 multa u bl-applikazzjoni tal-Art. 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni personali ta' LM100 li jzomm il-buon ordni pubbliku ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appell u l-aggravji hemm kontenuti tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2002 li bih talab li din il-Qorti fl-ewwel lok izzomm ferm dak li kkonkludiet dwaru l-Ewwel Qorti meta lliberat lill-appellant mill-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu u fit-tieni lok thassar u tirrevoka l-kumplament tas-sentenza u cioe' f'dik fejn fuq it-tieni akkuza, l-Ewwel Qorti sabitu hati u kkundannat lill-appellant ghall-multa imsemmija.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjonijiet tal-lum;

Billi jidher li hemm konflitt serju fil-provi dwar kif l-appellant saq il-karozza tieghu, u dan id-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u tirrevokha fejn sabitu hati ta' sewqan b'manjiera perikoluza u negligenti u kkundannatu LM50 multa u in kwantu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-appellant taht garanzija ta'
LM 100 li jzomm il-buon ordni ghal zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft)Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep.Reg.

04.07.2002